# Il-Ħadd 02.02.2020

1. Illum 02/02, **Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju - Il-Gandlora u Jum il-Ħajja**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa bit-tberik tad-dawl u mument qasir ta' talb għar-reliġjużi, jiġifieri għas-sorijiet u l-patrijiet li qed iħaddnu l-Ħajja Kkonsagrata, f'dan il-jum iddedikat għalihom.
2. Il-Ġimgħa 7/02, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni.
3. Is-Sibt 08/02:
   - Fit-8:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fl-10:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' San Piju X, Santa Luċija.
4. Il-Ħadd 09/02:
   - Fid-9:00am - Il-Quddiesa mill-Parroċċa tagħna ser tixxandar fuq TVM2. Nieħdu ħsieb inwasslu l-aħbar lill-morda u lil dawk kollha li ma jistgħux jingħaqdu magħna għall-quddiesa tal-Ħadd.
5. It-Tnejn 10/02, **Solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta**:
   - Il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal tal-Ħadd: 6:45am, 9:00am, u 5:30pm.
6. It-Tlieta 11/02, **Jum il-Morda**:
   - Fl-10:00am - Quddiesa fil-knisja ta' Santa Tereża, B'Kara. Jippresiedi Mons. Isqof Joseph Galea Curmi, Vigarju Ġenerali.
7. Avviżi oħra:
   - Ser jintlaqgħu l-Applikazzjonijiet għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja għal dawk li ġejjin minn skejjel tal-Gvern u indipendenti. Informazzjoni dettaljata tinkiseb minn fuq il-website tal-Kurja: www.knisja.mt fis-Sezzjoni: *'Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja'* u mill-istess Skejjel tal-Knisja.
   - Il-Kap tal-Iskola Primarja ta' Ħal Safi tavża lil dawk il-ġenituri li għandhom it-tfal li twieldu fis-sena 2017, u bejn Jannar u April tal-2018, biex matul dan ix-xahar ta' Frar imorru jiktbuhom għall-iskola.
   - Jekk hawn xi wħud li jixtiequ u jistgħu jgħinnu fl-animazzjoni, fix-xandir tal-kelma bħala letturi, u fl-aspett mużikali u l-kant liturġiku, b'mod partikulari fil-quddies tas-Sibt u l-Ħadd, mitluba javviċinaw lill-Kappillan (lili) biex ikunu jistgħu jifthiemu dwar il-possibiltà, u anke biex issir il-preparazzjoni meħtieġa.
   - Infakkar li għandna għal bejgħ statwi ta' San Pawl tar-resin, ta' 2 qisien: Kbar - € 10; Żgħar - € 6. Min hu nteressat jidħol fis-Sagristija.
   - Is-Sibt 8/02 u l-Ħadd 9/02: Fuq iz-zuntier, ser isir *Cake Sale* u Lotterija b'risq il-manutensjoni u l-proġetti ta' restawr tal-Knisja. Napprezzaw il-koperazzjoni.
8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 55 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi mill-qalb.
9. Nitolbu għal Angiolina Cachia u Sharon Bonnici li għaddew għal ħajja ta' dejjem. Agħtihom o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...